



## STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 113/23

Il-Lussemburgu, 4 ta' Lulju 2023

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-252/21 | Meta Platforms et (Kundizzjonijiet ġenerali għall-użu ta' network soċjali)

### Awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni tista' tikkonstata, fil-kuntest tal-eżami ta' abbuż minn pożizzjoni dominanti, ksur tal-GDPR

*Marbuta bil-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, hija għandha madankollu tiegħu inkunsiderazzjoni kull deċiżjoni jew investigazzjoni tal-awtorità ta' superviżjoni kompetenti skont dan ir-regolament*

Meta Platforms Ireland tiġġestixxi l-offerta tan-network soċjali online Facebook fl-Unjoni. Billi jabbonaw ma' Facebook, l-utenti tiegħu jaċċettaw il-kundizzjonijiet ġenerali stabbiliti minn din il-kumpannija u, konsegwentement, il-politiki ta' użu tad-data u tal-cookies. Skont dawn il-politiki, Meta Platforms Ireland tiġbor data dwar l-attivitajiet tal-utenti ġewwa u barra min-network soċjali u tqiegħda f'korrelazzjoni mal-kontijiet Facebook tal-utenti kkonċernati. Fir-rigward ta' din l-aħħar data, imsejħa wkoll "data off Facebook", din hija, minn naħa, data li tirrigwarda l-konsultazzjoni ta' paġni internet u ta' applikazzjonijiet terzi u, min-naħa l-oħra, data relatata mal-użu ta' servizzi online oħra li jappartjenu lill-grupp Meta (fosthom Instagram u WhatsApp). Id-data hekk miġbura tippermetti b'mod partikolari l-personalizzazzjoni tal-messaġġi ta' reklamar intiżi għall-utenti ta' Facebook.

L-Awtorità Federali Ġermaniża tal-Kompetizzjoni pprojbixxiet, b'mod partikolari, l-issuġġettar, fil-kundizzjonijiet ġenerali, tal-użu tan-network soċjali Facebook minn utenti privati residenti fil-Ġermanja għall-ipproċessar tad-data off Facebook tagħhom u l-ipproċessar ta' din id-data mingħajr il-kunsens tagħhom. Hija mmotivat id-deċiżjoni tagħha bil-fatt li dan l-ipproċessar ma kienx konformi mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR)<sup>1</sup>, peress li kien jikkostitwixxi operat abbużiv tal-pożizzjoni dominanti ta' Meta Platforms Ireland fis-suq Ġermaniż tan-networks soċjali online.

Adita b'rikors kontra din id-deċiżjoni, il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Düsseldorf staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni jistgħux iwettqu superviżjoni tal-konformità ta' pproċessar ta' data mar-rekwiżiti fformulati fil-GDPR. Barra minn hekk, il-qorti Ġermaniża staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-GDPR għall-ipproċessar tad-data minn operatur ta' network soċjali online.

Fis-sentenza tagħha tal-lum, il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li, **fil-kuntest tal-eżami ta' abbuż minn pożizzjoni dominanti min-naħa ta' impriża, jista' jkun neċessarju għall-awtorità tal-kompetizzjoni tal-Istat Membru kkonċernat li teżamina wkoll il-konformità tal-aġir ta' din l-impriża ma' regoli differenti minn dawk li jaqgħu taħt id-dritt tal-kompetizzjoni, bħar-regoli previsti mill-GDPR**. Madankollu, meta l-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni tirrileva ksur tal-GDPR, hija ma tissostitwixx lill-awtoritajiet ta' superviżjoni stabbiliti minn dan ir-

<sup>1</sup> Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU 2016, L 119, p. 1).

regolament. Fil-fatt, **I-evalwazzjoni tal-osservanza tal-GDPR hija limitata biss sabiex jiġi kkonstatat abbuż minn pożizzjoni dominanti** u sabiex jiġu imposti miżuri intiżi li jtemmu dan l-abbuż skont ir-regoli tad-dritt tal-kompetizzjoni.

Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni koerenti tal-GDPR, **I-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni għandhom jikkonsultaw u jikkooperaw lealment mal-awtoritajiet li jiżguraw l-osservanza ta' dan ir-regolament.** B'mod partikolari, meta l-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni tqis li jkun neċessarju li tiġi eżaminata l-konformità ta' aġir ta' impriża fid-dawl tal-GDPR, **hija għandha tivverifika jekk dan l-aġir jew aġir simili kienx diġà s-suġġett ta' deċiżjoni mill-awtorità ta' superviżjoni kompetenti jew inkella mill-Qorti tal-Ġustizzja.** Jekk dan ikun il-każ, hija **ma tistax titbiegħed minnhom**, filwaqt li tibqa' libera li tiset minnhom il-konklużjonijiet tagħha stess mill-perspettiva tal-applikazzjoni tad-dritt tal-kompetizzjoni.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li l-ipproċessar ta' data mwettaq minn Meta Platforms Ireland jidher li jirrigwarda wkoll kategoriji speċjali ta' data li tista' tiżvela, fost oħrajn, l-oriġini razzjali jew etnika, l-opinjoni politiki, it-twemmin reliġjuż jew l-orjentazzjoni sesswali u li l-ipproċessar tagħha huwa, bħala prinċipju, ipprojbit mill-GDPR. Għalhekk hija l-qorti nazzjonali li għandha tiddetermina jekk ċerta data miġbura tippermettix effettivament li tiġi żvelata tali informazzjoni, kemm jekk din tkun tikkonċerna utent ta' dan in-network soċjali jew kwalunkwe persuna fiżika oħra.

Fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk **l-ipproċessar ta' tali data msejħa "sensittiva"** huwiex eċċezzjonalment permess minħabba l-fatt li din tkun manifestament magħmula pubblika mis-suġġett tad-data, il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża li **s-sempliċi fatt li utent jikkonsulta siti internet** jew applikazzjonijiet li jistgħu jiżvelaw tali informazzjoni **bl-ebda mod ma jfisser li huwa jagħmel manifestament pubblika d-data tiegħu**, fis-sens tal-GDPR. Barra minn hekk, l-istess japplika meta utent **idaħħal data** f'tali siti jew f'tali applikazzjonijiet jew meta **jattiva buttuni ta' selezzjoni integrati** fihom, **sakemm huwa ma jkunx esprima b'mod espliċitu l-għażla tiegħu minn qabel li jagħmel id-data li tikkonċernah pubblikament aċċessibbli għal numru illimitat ta' persuni.**

Fir-rigward b'mod iktar ġenerali tal-ipproċessar imwettaq minn Meta Platforms Ireland, inkluż dak tad-data "mhux sensittiva", il-Qorti tal-Ġustizzja teżamina sussegwentement jekk dan jaqax taħt il-ġustifikazzjonijiet, previsti mill-GDPR, li jippermettu li jsir legali pproċessar ta' data mwettaq mingħajr il-kunsens tas-suġġett tad-data. F'dan il-kuntest, hija tqis li **n-neċessità li jiġi eżegwit il-kuntratt** li fih dan is-suġġett tad-data jkun parti tkun tiġġustifika l-prattika kontenzjuża biss bil-kundizzjoni li **l-ipproċessar ta' data jkun oġġettivament indispensabbli b'tali mod li l-għan prinċipali ta' dan il-kuntratt ma jkunx jista' jintlaħaq fl-assenza ta' dan l-ipproċessar.** Bla ħsara għal verifika mill-qorti nazzjonali, il-Qorti tal-Ġustizzja tesprimi dubji dwar il-possibbiltà li l-personalizzazzjoni tal-kontenut jew l-użu kontinwu u bla xkiel tas-servizzi tal-grupp Meta stess jistgħu jissodisfaw dawn il-kriterji. Barra minn hekk, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, **il-personalizzazzjoni tar-reklamar li permezz tiegħu jiġi ffinanzjat in-network soċjali online Facebook ma tistax tiġġustifika, inkwantu interess leġittimu mfittex minn Meta Platforms Ireland, l-ipproċessar ta' data inkwistjoni, fl-assenza tal-kunsens tas-suġġett tad-data.**

Fl-aħħar, il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li l-fatt li l-operatur ta' network soċjali online, bħala kontrollur, ikun jokkupa **pożizzjoni dominanti** fis-suq tan-networks soċjali **ma jipprekludix, bħala tali, li l-utenti tiegħu jkunu jistgħu validament jagħtu l-kunsens tagħhom, fis-sens tal-GDPR, għall-ipproċessar tad-data tagħhom**, imwettaq minn dan l-operatur. Madankollu, peress li tali pożizzjoni tista' taffettwa l-libertà ta' għażla ta' dawn l-utenti u toħloq żbilanċ manifest bejnhom u bejn il-kontrollur, hija **tikkostitwixxi element importanti sabiex jiġi ddeterminat jekk il-kunsens effettivament ikunx ingħata validament** u, b'mod partikolari, liberament. Huwa dan l-operatur li għandu jipprova dan.

**NOTA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni

għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u s-sunt tas-sentenza](#) jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106

Ibqgħu konnessi!

